TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU 297

KAZ NRU 408

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

John Muscat

u

Concrete Works Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 29 ta' April , 1987

Chairman: Major S.J.A. Clews MBIM, MIPM

1. INTRODUZZJONI

(a) Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra tas-19 ta' Mejju, 1986 taht id-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol fuq imsemmi. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-Appellant qed jallega li kienet ingusta.

(b) It-Tribunal zamm erba' sedutia x-zewg partijiet kienu avzati kull darba biex jattendu.

(c) Fl-ewwel seduta l-Appellant kien prezenti, izda ghall-Kumpanija Concrete Works Ltd ma deher hadd - l-anqas is-Sur Paul Cutajar, li kien kiteb ittra lit-Tribunal, datata l-10 ta' Settembru, 1986 li qalet:-

> "We have to inform you that since that time (meta gie mkecci Muscat) the shareholders of Concrete Works have been changed. We would advise you to take up this matter with the previous shareholders of Concrete Works Ltd".

Is-Sur Cutajar, li kien iffirma l-ittra bhala 'sole proprietor' gie avzat permess ta' ittra datata 16 ta' Settembru, 1986, li ghandu jattendi l-ewwel seduta (20 ta' Settembru) u igib

.../2

mieghu dokumenti relevanti li juru x'tibdil sar fix-'shareholders' u x'responsabbilitajiet ghandu bhala "sole proprietor" tal-Concrete Works Ltd.

(d) L-ewwel seduta giet iddeferieta u ghal darba ohra is-Sur Paul Cutajar gie avzat li ghandu jattendi u kien uffiċjalment imharrek.

(e) Eventwalment, meta ghall-Kumpanija ma deher hadd, anke fit-tieni seduta, ic-Chairman iddecieda li jisma l-kaz fl-assenza tar-rappreżentant tal-Kumpanija. L-Appellant kien assistit mis-Sur Norman Rossignaud, Konsulent Industrijali.

2. STATEMENT OF CASE

L-Appellant John Muscat, issottometta li kien dahal jahdem mal-fabbrika Concrete Works Limited fis-16 ta' Jannar, 1984. Kien wiehed minn ta' l-ewwel li gie impjegat ma' din il-Kumpanija, anzi qal li mieghu kien hemm biss iehor, certu Anthony Gatt li kien il-'foreman'.

(i) Meta gie impjegat l-Appellant, il-fabbrika kienet ghadha fil-bidu taghha. Fil-fatt kienet ghada qed tinbena. Muscat kien jahdem ta' 'labourer' mentri kienu qed isiru s-sodod tal-'concrete' li fuqhom kien ser jitqieghed il-makkinarju, li jahdem il-'concrete', ready mixed', u li kien ghadu gej. Ordnijiet ghal konsenji ta' 'ready mixed concrete' kienu ghadhom mhux qed jidhlu.

Bhala 'labourer' kien jitqabbad jaghmel diversi xoghlijiet, fosthom jghin lit-Taljan fil-kostruzzjoni tas-'silos' u jimmuntaw il-pjanci ta' dawn is-'silos' kif ukoll xoghol ta' zebgha, manutenzjoni u tindif. Wara dan saru s-sogfa tal-concrete, li kien imqabbad jghin fihom ukoll. Ix-xoghol ta' kostruzzjoni dam sejjer xi tliet xhur. Wara dan kien beda jsuq it-truck tar-'ready-mixed concrete'. Issa x-xoghol principali tieghu sar dak ta' driver ghalkemm baqa jigi imqabbad jaghmel xoghol ta' 'labourer' bejn ordni u ohra, li kien johrog biha.

Kien jiehu konsenji Kalafrana, fil-Kalafrana Construction Ltd, konsenji ohra hadhom il-Jerma, Marsascala u ghand il-privat ukoll, skond kif ordnat jaghmel. Fuq dan it-truck tar-'ready-mixed', d m xahrejn bhala driver.

(ii) Kien jahdem matul il-gurnata, pero' hadem bil-lejl ukoll, fis-sens illi flok jmur id-dar fl-4.00 p.m., gieli kien jmur fit-8.00 p.m. L-Appellant qal dan biex jenfasizza illi meta il-foreman ridu fuq xoghol ta' driver, lilu sabu, u hadem bil-qalb. Dana, li hadem bil-qalb, gie konfermat mill-Avukat tal-Kumapanija quddiem l-Avukat tieghu u s-Sur Desira fl-Ufficcju tax-Xoghol, fis-seduti li kien ikollom qabel ma l-kaz tressaq quddiem it-Tribunal.

(iii) Kuntratt bil-miktub, skond il-ligi, qatt ma tawh, ghalkemm kien ilu mal-Kumpanija/Concrete Works Ltd ftit anqas minn sitt xhur.

(iv) Gurnata minnhom, u precizament fis-6 ta' Gunju 1984, is-Sur Muscat qal li ircieva il-karta tas-sensja. Huwa ipprotesta mal-Kumpanija fuq is-sensja ghax ikkunsidra li kienet ingusta. Kien ghad ghandhom bzonn kemm ta' labourers kif ukoll ta' drivers. Qatt ma qalu li ser jaghlqu, anzi qalu li kienu fi process li jispecjalizzaw u jiddiversifikaw. Pero', il-htiega ta' drivers u labourers baqghet, u dana jurih il-fatt illi uhud minn dawk li dahlu jahdmu warajh mal-istess Kumpanija, u bl-istess xoghol, u cioe' ta' driver u labourer, ma issensjawhomx qablu, izda baqghu impjegati mal-Concrete Works Ltd, wara li issensjaw lilu u bl-istess xoghol li kellhom, xejn diversifikat, xejn differenti. Bhala drivers kienu u bhala drivers baqghu mal-imsemmija Kumpanija. Dawn huma Mario Bonnici, Joseph Camilleri, Tutti Santi Vassallo u Joseph Vella.

(v) Ghal dawn ir-ragunijiet l-Appellant John Muscat qal li/jikkonsidra t-tkeccija mill-impieg li kellu mal-imsemmija Concrete Works Ltd kienet ingusta u kontra il-ligi u talab kumpens li jaghmel tajjeb ghalih.

.../4

3. XHIEDA

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Is-sur Anthony Desira | - Administrative Officer, Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni |
| (ii) | Is-sur Joseph Camilleri | - Health Attendant, ex-driver, Concrete Works Ltd. |
| (iii) | Is-sur Mario Bonnici | - Labourer, ex-driver, Concrete Works Ltd. |
| (iv) | Is-sur John Muscat | - L-Appellant. |

N.B. Il-Kumpanija ma resqet l-ebda xhud.

4. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

F'isem l-Appellant John Muscat, il-Konsulent Industrijali, is-sur N Rossignaud, issottometta li s-sur Muscat hadem Ma' Concrete Works Ltd mis-16 ta' Jannar, 1984, sat-3 ta' Lulju, 1984. Il-punti bazici tas-Sottomissjonijiet Preliminari gew ipprovati fis-smiegh fil-qosor quddiem dan it-Tribunal, minghajr il-htiega tax-xhieda kollha. Tant kien evidenti sa mill-bidu nett li l-Appellant tkecca ingustament, li ghall-Kumpanija li kienet timpjegah, ma deher hadd, fl-ebda seduta, u dan minkejja in-notifiki. Il-qofol ta' din il-kwistjoni hu kif iddikjarat fis-Sottosmissjonijiet Preliminari u li l-Kumpanija ma tterminatx dan l-impieg skond il-Ligi, ghax meta ssensjat lill-Appellant kien ghad baqa' jahdmu mal-Kumpanija nies li kienu dahlu fl-impieg warajh.

It-Tribunal ghandu quddiemu stqarrija ta' tlieta min-nies li bil-gurament ikkonfermaw kif verament il-Kumpanija Concrete Works Ltd aggixxiet bi ksur tal-Conditions of Employment (Regulations) Act, 1952, il-Ligi dwar l-Impiegi (CERA). Dawn it-tlett haddiema kienu kollha mpjegati bhala xufiera (drivers) u meta mqabbda kienu jaghmlu xoghol iehor. Ix-xhieda ta' John Muscat kienet ikkorraborata wkoll mic-Certifikat ta' Temm ta' l-impieg, fejn ir-raguni ghaliex spicca mix-xoghol l-Appellant f'dan l-istess Certifikat hija mghotija bhala "Redundant". Barra minn dan kollu gie kkonfermat ukoll waqt

is-smiegh li l-kondotta ta' l-Appellant kienet wahda tajba u prova ohra ta' dan tohrog mill-istess ittra tal-Kumpanija mimlija mill-Principal li ntbaghtet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, mitluba mit-Tribunal. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Appellant talab li t-Tribunal isib favur l-Appellant John Muscat u kontra l-Principal Concrete Works Ltd, u jordna li jinghata kumpens xieraq ghal perjodu kollu li tulu l-Appellant dam bla xoghol, u cioe' mi-data ta' terminazzjoni ta' l-impieg sa meta jinghata l-Award, bi tnaqqis ghal perjodu ta' xoghol li hu ghamel fil-frattemp skond il-Ktieb tax-Xoghol.

5. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

(i) Meta Principal jallega li qed itemm l-impieg ta' impjegat minhabba 'redundancy', il-Principal irid jipprova li dan l-impjegat kien l-ahhar wiehed li kien gie impjegat mieghu biex din it-terminazzjoni ta' xoghol tkun skond il-ligi. Il-Kumpanija Concrete Works Ltd b'ittra datata 25 ta' Gunju, 1984, infurmat lill-Appellant, John Muscat, li "your position is one that will shortly become redundant ..." u tawh gimgha 'notice'.

(ii) F'dan il-kaz ix-xhieda ta' dawk kollha li xehedu kienet cara li l-Appellant ma kienx l-ahhar persuna li giet impjegata meta gew iddikjarati ir-redundancies i.e. is-sistema ta' "last in first out" ma gietx uzata mill-Concrete Works Ltd kif stipulat mill-Ligi.

(iii) It-tlett ex-impjegati ta' din il-Kumpanija (Joseph Camilleri u Mario Bonnici u l-Appellant) kollha iddikjaraw li kienu mpjegati bhala "drivers" (xufiera) imma kienu jaghmlu xoghol iehor skond ma jkun hemm bzonn.

(iv) Peress li ~~dawn~~ iz-zewg impjegati (Mario Bonnici u Joseph Camilleri) kienu bdew jahdmu wara John Muscat, f'kaz ta' 'Redundancy' l-Appellant kellu jkun l-ahhar wiehed li jispicca minn fosthom peress li dawn kollha kienu jaghmlu l-istess xoghol.

.../6

(v) Ghalhekk meta John Muscat spicca mix-xoghol qabilhom bhala Redundant, kien jidher car li s-sistema ta' "last in first out" ma gietx uzata u ghalhekk it-temm ta' l-impieg ta' John Muscat mill-Concrete Works Ltd ma sarx skond il-Ligi ~~Industrijali~~.

6. <u>AWARD</u>

It-Tribunal, wara li sema x-xhieda prodotti, studja l-istatement of case u s-sottomisjonijiet finali pprezentati, u minhabba l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, isib il-kaz favur l-Appellant John Muscat u jiddeciedi li l-Kumpanija Concrete Works Ltd ghandha thallas lil John Muscat is-somma ta' LM1,000 (elf lira Maltija) bhala kumpens, Hames mitt lira Maltin ghandhom jithallsu fi zmien gimghatejn mid-data ta' dan l-Award u l-bilanc mhux aktar tard mill-ahhar ta' Mejju, 1987.

U b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

STANLEY J A CLEWS
Chairman

EDWARD D'AGOSTINO
Segretarju

Data: 29 ta' April, 1987

dm